MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 221/1997/1

**Geoffrey Carachi**

**vs**

**Saviour Fenech**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Jannar 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi huwa gie mtajjar b'karozza misjuqa mill-konvenut nhar it- 2 ta' Dicembru 1995 fil-By Pass tal-Marsa;

Illi dan l-incident gie kkagunat mill-konvenut minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi kagun ta' dan l-incident l-attur sofra dizabilita permanenti fuq persuntu;

Illi l-konvenut gie nterpellat mill-attur sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni izda l-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident premess u ghad-danni li sofra u li ghad irid isofri l-attur;

2. Tillikwida lill-attur dawk id-danni kollha li sofra;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat li wara li n-notifika tal-konvenut saret a tenur tad-dispost tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 187 tal-Kap 12, huwa baqa' ma pprezentax nota ta' eccezzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-konvenut tad-29 ta' Novembru 2001 li permezz tieghu talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat l-affidavit ta' l-istess konvenut u ta' Pierre Vella;

Semghet ukoll ix-xiehda tal-konvenut;

Rat in-nota ta' riferenzi tal-konvenut;

Ikkunsidrat illi:-

Il-konvenut qieghed jitlob li jiggustifika l-kontumacja fuq dawn il-fatti:

(1) Saret affissjoni fl-14 ta' Mejju 2001 fl-indirizz 44 Tad-Dawl Street, Zebbug fejn kien ilu ma jabita sa mill-1998.

(2) L-avvizi fil-gazzetti ma jissodisfawx ir-rekwizit tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 187 tal-Kap 12 li *"l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor"* (sottolinear tal-Qorti) peress li la hemm indikazzjoni tad-data u tal-lok ta' l-incident u lanqas ta' l-enumerazzjoni ufficjali tac-citazzjoni u dawn in-nuqqasijiet ma jippermettux li l-konvenut jista' jidentifika ruhu mal-persuna msemmija fl-istess avvizi.

Issa l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' dizordni socjali (Prim'Awla, 3 ta' April 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Waldonet Ltd. vs David Thake**; Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993 fil-kawza fl-ismijiet **J. Vella pro et noe vs J. Vella** - Vol. LXXVII.ii.170)

Minhabba s-sanzjonijiet spiss irreversibbli li timporta pero`, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u nterpretata b'mod ristrettiv (Appell Civili, 17 ta' Marzu 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et**).

Il-principji li jirregolaw il-materja ta' gustifikazzjoni tal-komtumacja gew migbura fil-kawza fl-ismijiet **Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) Dawn il-principji huma:

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;
2. Anqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;
3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;
4. Dina l-kawza gusta ghanda tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;
5. L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;
7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal *una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*;
8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

Ara wkoll Prim'Awla, 27 ta' Frar 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Naudi Montalto noe vs Emmanuel Xuereb** - Vol. LXXIX.iii.1214; Appell Civili, 12 ta' Dicembru 1975 fil-kawza fl-ismijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**.

Fil-kaz taht skrutinju, filwaqt li kien ikun deziderabbli kieku l-avvizi fil-gazzetti kellhom aktar dettalji, senjatament dawk imsemmija mill-konvenut stess fir-rikors tieghu, dak li jghid Pierre Vella fl-affidavit tieghu jikkontrasta mas-sottomissjoni tal-konvenut. Difatti minn dak li jghid Pierre Vella jidher ovvju li huwa kien identifika lill-konvenut bhala l-persuna li ghalih l-avviz f'gazzetta partikolari kien qieghed jirreferi. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx li minhabba d-dicitura li dehret fil-gazzetti jista' jitqies li l-pubblikazzjoni ma saritx skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 187 tal-Kap 12 galadarba jirrizulta li l-konvenut kien identifikabbli.

Nonostante dan irid jigi kkunsidrat jekk effettivament il-kontumacja tal-konvenut tistax tigi ritenuta gustifikata galadarba l-pubblikazzjoni fil-gazzetti u fil-Gazzetta tal-Gvern kienet regolari. Jigi osservat ukoll li ghalkemm il-konvenut xehed li kien ilu mill-1998 ma joqghod fil-fond 44 Tad-Dawl Street, Zebbug, sad-data li kien qieghed jixhed (fil-5 ta' Gunju 2002) kien ghadu ma biddilx il-karta ta' l-identita` tieghu li turi bhala r-residenza tieghu dik ta' Haz-Zebbug. Ghalhekk ukoll ma jistax jitqies li l-affissjoni kienet irregolari. Izda f'liema cirkostanzi l-konvenut sar jaf bic-citazzjoni?

Ic-citazzjoni giet intavolata fil-31 ta' Jannar 1997 u appuntata ghas-smiegh ghall-4 ta' Dicembru 1997. L-ewwel tentattiv ghan-notifika tal-konvenut fit-3 ta' Novembru 1997 kien fin-negattiv u skond ir-riferta relattiva "ma fetah hadd". It-tieni tentattiv, din id-darba biex issir notifika wara l-hinijiet legali, fil-11 ta' April 2000 ukoll kien fin-negattiv u skond ir-riferta relattiva "post maghluq u ma fetah hadd gejt infurmat minn girien li ma joqghod add wara hin legali". Fit-28 ta' Novembru 2000 l-attur ipprezenta rikors li permezz tieghu talab li ssir in-notifika bil-procedura ta' l-affissjoni izda, korrettement, b'digriet ta' l-20 ta' Dicembru 2000, ntlaqghet it-talba b'dan li jigi segwit dak indikat fl-artikolu 187(3) tal-Kap 12. Il-procedura ta' l-affissjoni saret fl-14 ta' Mejju 2001 u saru l-avvizi fil-gazzetti fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-konvenut xehed li sar jaf bil-kawza f'Novembru 2001 meta ltaqa' ma' Pierre Vella li qallu li hu (il-konvenut) kien sar famuz ghax kien ra ismu fuq il-gazzetta. Dan ikkonfermah Pierre Vella fl-affidavit tieghu li zied ighid li nduna li l-konvenut ma kien jaf b'xejn. Il-konvenut ghalhekk ha passi mmedjati billi kellem habib tieghu li jahdem il-Qorti biex jindaga jekk kienx hemm xi haga kontra tieghu u b'hekk sar jaf b'din il-kawza. Konsegwentement intavola r-rikors necessarju biex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dawn ic-cirkostanzi u hija tal-fehma li ghalkemm jista' jinghad li n-notifika skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 187 tal-Kap 12 kienet teknikament regolari, il-fatt li l-konvenut ma kienx qieghed jabita fil-fond 44 Tad-Dawl Street, Zebbug fiz-zmien li saret l-affissjoni rrenda aktar difficli l-possibilita` li jsir jaf bil-proceduri dedotti kontra tieghu. U l-fatt li ha passi mmedjati una volta li sar jaf b'dawn il-proceduri juri li ma kien hemm l-ebda intenzjoni da parti tieghu li juri dispett lejn il-Qorti.

Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Paul Vella et noe vs Anthony Ellul** moghtija fl-4 ta' Lulju 1991, *"fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti*

*tal-persuna notifikanda li jista' jammonta ghall-culpa - kif hu fil-kaz prezenti - anki ghax ma jistax ikun hemm culpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika tal-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata"*.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi fuq it-talba tal-konvenut billi tqis li l-konvenut iggustifika sodisfacentement il-kontumacja tieghu u konsegwentement tammettieh biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u takkordalu ghoxrin (20) gurnata millum ghall-prezentata taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------